HAŻ-ŻABBAR
Citta' Rompesch

**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IT-TMINN LEĠISLATURA**

**Laqgha Numru 537**

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm hadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgha.

**537.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

537.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**537.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

537.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 536.3.12 u minflok il-paragrafu 'Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir *pelican crossing* u talbet sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni fuq l-entitajiet konċernati sabiex ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibli' jidħol il-paragrafu 'Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir il-*pelican crossing* quddiem il-Park ta' San Klement fl-iqsar żmien possibli minħabba li hemm periklu biex taqsam it-triq.'

537.2.2 Il-minuti tal-536 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**537.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

537.3.1 Is-Sindku rrefera għall-fondi li kienu ser jingħataw permezz tal-*Waste Management Reduction Award* u nforma lill-Kunsill illi kien beda x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp u fuq il-monument ta' Papa Alessandru li hemm maġenb il-Mużew tas-Santwarju.

537.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-*pelican crossing* li kellha ssir quddiem il-Park ta' San Klement u nforma lill-Kunsill li kien hemm żvilupp peress illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet ġabret il-kwotazzjonijiet u l-investiment fuq dan il-proġett ser ilaħħaq is-somma ta' madwar €10,000. Is-Sindku żied jgħid li Transport Malta kienet ser tħallas għall-konsum tad-dawl tal-*pelican crossing*.

537.3.3 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied li ġie armat f'diversi toroq f'Ħaż-Żabbar u qal illi l-Kunsill kien irċieva diversi kummenti pożittivi dwar dan.

537.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*filming* tal-awguri tal-aħħar tas-sena mill-Prim Ministru kien ġie miġbud fi Triq is-Santwarju u t-tiżjin tal-Milied kien ser ikun qed jidher f'dan il-filmat.

537.3.5 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari numru SPI/SCI/8/2020 bis-suġġett Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Is-Sindku qal illi il-lokalità li tiġi ddikjarata bħala l-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022, tiġi allokata fond sa massimu ta' €200,000 biex jiġi mplimentat il-programm kulturali propost mifrux fuq sena kalendarja. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ikun obbligat jorganizza avveniment fix-xahar li jinkludu tliet avvenimenti speċjali ewlenin li tnejn minnhom iridu jsiru f'Jannar u f'Diċembru. Is-Sindku qal ukoll illi l-avvenimenti ma jistgħux jinkludu l-Programm tal-Festa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet

issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-espressjoni ta' interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022.

537.3.6 Is-Sindku qal illi fl-1 ta' Frar il-Kunsill jiċċelebra Jum Ħaż-Żabbar. Minħabba l-pandemija tal-COVID 19 is-Sindku ssuġġerixxa li għal din is-sena il-Kunsill ma jorganizzax attivitajiet marbuta ma' Jum il-Lokal iżda minflok isir filmat jew attività virtwali. Is-Sindku qal illi t-tqegħid ta' kuruni mal-monumenti u busti f'Ħaż-Żabbar għandhom isiru xorta waħda. Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienux ser jingħataw ċertifikati ta'onorifiċenza ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Radd ta' Ħajr. Is-Sur Joseph Vella żied jgħid li Kunsilli oħra kienu organizzaw Jum il-Lokali fil-Knisja tal-Lokal. Is-Sindku qal illi matul is-sena preċedenti l-Arċipriet ma kienx aċċetta li Jum il-Lokal isir fil-knisja minkejja li kien ser jinġieb Gospel Choir matul din l-attività. Barra minnhekk is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu m'għandhomx jingħataw rikonoxximenti peress illi ma kienux ser isiru ċelebrazzjonijiet marbuta ma' Jum il-Lokal. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ma jingħatawx rikonoxximenti f'dawn iċ-ċirkustanzi. Is-Sinjura Anna Calleja issuġġeriet li jsir *feature* li juri individwi li ħadu onorifiċenza fil-passat permezz ta' filmati. Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandux filmati marbuta ma' Jum il-Lokal. Is-Sinjura Ghislaine Bongailas issuġġeriet li minflok filmati jittellgħu ritratti u dokumentarju. Peress illi l-Kunsill m'għandux ritratti ta' kull individwu li ħa onorifiċenza, is-Sindku ssuġġerixxa li l-filmati isiru dwar il-lokalità. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex f'Jum il-Lokal jinxtegħlu binjiet u monumenti storiċi. Is-Sinjura Anna Calleja issuġġeriet li tinxtgħel Triq is-Santwarju f'Jum il-Lokal peress illi kienet ħadet il-premju tal-isbaħ triq. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex fil-filmat il-Kunsill iwassal messaġġ u jagħti raġuni il-għaliex din is-sena Jum il-Lokal kien qed isir differenti mis-soltu. Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li jsir filmat li jkun jinkludi fost affarijiet oħra; ix-xogħol li sar fil-lokalità, il-membri tal-Kunsill u messaġġ ta' madwar 15 il-sekonda mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill- membri tal-Kunsill illi skont Memo 8/2011 l-ispiża totali marbuta ma' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li għal Jum il-Lokal jinxtegħlu binjiet storiċi, jsir filmat għall-okkażjoni kif ukoll jitpoġġew il-kuruni tar-rand mal-monumenti u busti f'Ħaż-Żabbar.

537.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC jiġi ppubblikat kalendarju għas-sena 2021. Is-Sur Joseph Vella talab li jiġi ppubblikat avviż tal-iskeda tal-iskart.

**537.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

537.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**537.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

537.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Diċembru 2020 u d-29 ta' Diċembru 2020 li kienet tammonta għal €95,503.23.

537.5.2 Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Scicluna daħal għal-laqgħa.

**537.6 Minuti tal-laqgħa annwali**

537.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa tal-Komunità li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru, 2020. Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa annwali.

**537.7 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali**

537.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2021. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**537.8 Miżura 4.3 - Pagamenti dovuti mill-Aġenzija għall-pagamenti Agrikoli u Rurali**

537.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva dwar tnaqqis ta' fondi mill-Aġenzija għall-pagamenti Agrikoli u Rurali relatati mal-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq Has-Sajjied. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li saret verifika mill-Aġenzija għall-pagamenti agrikoli, l-ammont ta' €7,171.90 kien tnaqqas mill-ewwel talba għall-ħlas. Barra minnhekk wara t-tlestija tal-verifiki fir-rigward tat-talba finali, kien sar tnaqqis ta' 25% li kien jammonta għal €17,333.26. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jaċċettax jew joġġezzjona għal dan it-tnaqqis. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-affidavit li kellu jittieħed kien għadu ma ttiħidx. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jaċċetta dan it-tnaqqis minħabba l-fatt li min kien mitlub jieħu l-*affidavit* ma aċċettax li jagħmel dan. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa il-għaliex kien ser isir dan it-tnaqqis. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tnaqqis kien dovut minħabba d-differenza fil-prezz bejn l-ewwel u t-tieni offerent kif ukoll minħabba li ma ġietx rispettata l-iskeda ta' ħlas matul il-kuntratt peress illi fil-leġislatura preċedenti l-Kunsill kien awtorizza *interim payment*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta t-tnaqqis ta' fondi li sar mill-Aġenzija għall-pagamenti Agrikoli u Rurali relatati mal-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq Has-Sajjied.

**537.9 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

537.9.1 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura CBW578 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonardu, fejn talab kumpens ta' €80 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

537.9.2 Is-Sindku rrefera għall-każ li ġie mressaq quddiem l-*Ombudsman* bin-numru U0132 minn sid il-vettura bin-numru HBO270 dwar allegat inċident li seħħ fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fl-opinjoni tal-*Ombudsman* il-Kunsill kellu raġun li ma jaċċettax it-talba għar-rimbors għal dan l-inċident.

**537.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

537.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ser joqgħod jistenna li jsiru il-*pelican lights* quddiem il-Park ta' San Klement biex jibda bil-proċeduri sabiex isiru l-*pelican lights* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal illi fil-bidu ta' Jannar kien ser jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar dan. Is-Sindku qal illi sabiex issir *pelican lights* kien jinvolvi diversi preparamenti.

537.10.2 Is-Sur Joseph Vella staqsa f'hix kien wasal ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra u staqsa jekk kienx ser jinqala' ix-xogħol li kien sar ħażin. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal illi diġa kienu nqalgħu l-bankini li kienu saru ħżiena u wara kien imiss li jinqala t-tarmak li sar ħażin.

537.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra kollha.

537.10.4 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk ir-*roundabout* li hemm bejn Triq San Leonardu u Triq Ħaż-Żabbar kinitx taqa' fil-konfini ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien irċieva lmenti li r-*roundabout* mhux qegħda tinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku qal illi matul il-proġett ta' *resurfacing*, *Infrastructure Malta* kienet bidlet iċ-ċint tad-dawra tar-*roundabout*.

537.10.5 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien thaffer kanal fi Triq San Leonard u t-triq tħalliet fi stat diżastruż. Is-Sindku qal illi f'din iż-żona kienu għaddejjin diversi proġetti fosthom il-proġett mill-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma '*New Water*'. Is-Sindku qal illi dan il-proġett kien wasal fi stadju avvanzat iżda kien għad fadal li jsiru il-konnessjonijiet tal-ilma li ġejjin minn Ta' Barkat. Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kinitx ser tagħti t-tarmak fuq il-kanal tal-ilma biss. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjonijiet sabiex it-tarmak isir tul it-triq kollha.

537.10.6 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick. Is-Sur Scicluna qal illi riċentament kienu ser jittajru żewġt itfal quddiemu stess. Is-Sur Joseph Vella qal illi din iż-*zebra crossing* diġa kienet ġiet approvata minn *Transport Malta* matul il-legislatura preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ż-*zebra crossing* li qed jirreferi għaliha s-Sur Vella ma kinitx ġiet approvata għall-istess post fejn qed jitlob li ssir is-Sur Scicluna iżda ġiet approvata fil-viċinanzi tad-*Dog Park*. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li ż-*zebra crossing* li kien hemm approvata kienet sabiex wieħed jaqsam minn quddiem id-*dog park* għal faċċata fejn hemm il-ħanut tat-*tyres*. Is-Sindku qal illi s-Sur Scicluna kien qed jitlob li ssir *zebra crossing* biex wieħed jaqsam minn mar-*roundabout* għal fejn il-*gym* tal-grawnd. Is-Sindku żied li *zebra crossing* ma tistax issir fil-viċinanzi ta' *roundabout*. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qed isir parkeġġ fuq ic-*central strip* li hemm impinġija mal-art u kien qed ikun hemm konfużjoni. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru *bollards* biex il-karozzi ma jkunux jistgħu jipparkjaw illegalment. Is-Sur Joseph Vella qal illi jekk jitwaħħlu l-bollard kien ser jonqos l-ispazju tal-parkeġġ u għalhekk issuġġerixxa li jsir studju sabiex jiżdied il-parkeġġ f'din iż-żona u fl-istess ħin jitnaqqas il-periklu.

537.10.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk fejn ikun hemm *pelican lights* ikunx hemm wkoll iż-żebgħa sewda u bajda mal-art. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq tal-Labour kien hemm *pelican lights* li kellha ż-żebgħa mal-art ukoll. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq dan l-ilment lil Transport Malta peress illi Triq tal-Labour ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

537.10.8 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix kien wasal il-proċess tal-għażla għall-iskemi awtorizzati tal-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Sindku qal illi kien inbeda l-proċess sabiex isiru l-laqgħat mal-iskemi awtorizzati tal-ġbir ta' skart riċiklat.

**537.11 Mozzjonijiet**

537.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**537.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

537.12.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

537.12.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-538 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku